32000R0654

L 79/26 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.3.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 654/2000

tad-29 ta' Marzu 2000

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' addittivi ġodda, l-użi ta' addittivi ġodda u t-tħejjijiet minn addittivi ġodda fit-tgħam ta' l-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda l-addittivi fit-tgħam ta' l-annimali [1], kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2690/1999 [2] u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 70/524/KEE tipprovdi illi addittivi ġodda jew l-użi ta' addittivi ġodda għandhom jiġu awtorizzati, huwa u jingħata qies ta' l-avvanzi fil-għerf xjentifiku u tekniku.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/113/KE ta' l-14 ta' Diċembru 1993 li tirrigwarda l-użu u l-bejgħ fis-suq ta' enżimi, mikro-organiżmi u t-tħejjijiet minnhom fin-nutriment ta' l-annimali [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/40/KE [4], b'deroga mid-Direttiva 70/524/KEE, awtorizzat lill-Istati Membri li jippermettu l-użu u l-bejgħ fis-suq proviżorji ta' l-enżimi, il-mikro-organiżmi u t-tħejjijiet minnhom.

(3) Fatti magħrufa ('*data*') ġodda ġew sottomessi għall-bdil tat-tħejjijet awtorizzati mill-enżimi bi tħejjijiet ġodda mill-istess enżimi.

(4) Għandha tiġi mogħtija awtorizzazzjoni proviżorja għal addittivi ġodda jew użi ġodda ta' l-addittivi jekk, fil-livell permess fit-tgħam ta' l-annimali, ma jiġux affettwati b'mod żvantaġġat għas-saħħa tal-bniedem u ta' l-annimali jew lill-ambjent, lanqas ma ssir ħsara lill-konsumatur bil-bdil tal-karatteristiċi tal-prodotti mill-bhejjem tar-rziezet, jekk il-preżenza tista' tiġi kontrollata fit-tgħam ta' l-annimali, u jkun raġjonevoli li wieħed jassumi, skond ir-riżultati disponibbli, illi jkun hemm effett favorevoli fuq il-karatteristiċi ta' dan it-tgħam ta' l-annimali jew fuq il-produzzjoni tal-bhejjem tar-rziezet bl-inkorporazzjoni f'dan it-tgħam.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri sabiex jinkoraggixxu titjib fis-salvagward u s-saħħa tal-haddiema fuq ix-xogħol [5] u d-direttivi rilevanti individwali tagħha, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 90/679/KEE tas-26 ta' Novembru 1990 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-esposizzjoni tagħhom għal aġenti bijoloġiċi li jkunu jaħdmu [6], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 75/65/KE [7], huma lkoll applikabbli fis-sħiħ għall-użu u t-tqandil bl-idejn mill-ħaddiema ta' l-addittivi fit-tgħam ta' l-annimali.

(6) L-eżami tal-każijiet, sottomessi mill-Istati Membri b'mod konformi ma' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/113/KE, jindika illi jista' jiġi awtorizzat ċertu numru ta' tħejjijiet li jappartjienu għall-gruppi ta' l-enżimi u l-mikro-organiżmi.

(7) Il-Kumitat Xjentifiku dwar in-Nutriment ta' l-Annimali ta opinjoni favorevoli rigward in-nuqqas ta' ħsara ta' dawn it-tħejjijiet mill-enżimi [8] u l-mikro-organiżmi [9].

(8) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tat-Tgħam ta' l-annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tħejjijiet li jappartjienu għall-grupp "Enżimi" mniżżla fil-lista fl-Anness I mar-Regolament preżenti għandhom jiġu awtorizzati skond id-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali fuq il-kondizzjonijiert preskritti fl-Anness imsemmi.

Artikolu 2

Il-partikolaritajiet li jirrigwardaw il-komposizzjoni ta' l-enżimi awtorizzati taħt in-Nru "7" u "8" huma modifikati, kif indikati f l-Anness I, taħt l-intestatura "Formola kimika, deskrizzjoni".

Artikolu 3

It-tħejjijiet li jappartjienu għall-grupp "Mikro-organiżmi" mniżżla fil-lista fl-Anness II mar-Regolament preżenti għandhom jiġu awtorizzati skond id-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali fuq il-kondizzjonjiet preskritti fl-Anness imsemmi.

---

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.
[2] {ĠU L 326, tat-18.12.1999, p. 33.
[3] ĠU L 334, tal-31.12.1993, p. 17.
[4] ĠU L 180, tad-9.7.1997, p. 21.
[5] ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.
[6] ĠU L 374, tal-31.12.1990, p. 1.
[7] ĠU L 335, tas-6.12.1997, p. 17.
[8] Rapport tal-Kumitat Xjentifiku dwar in-Nutriment ta' l-Annimali fuq l-użu ta' ċerti enżimi bħala addittivi fit-tgħam ta' l-animali, adottat fl-4 ta' Ġunju 1998, aġġornat fil-21 ta' Ottubru 1999.
[9] Rapport tal-Kumitat Xjentifiku dwar in-Nutriment ta' l-Annimali fuq l-użu ta ċerti mikro-organiżmi bħala addittivi fit-tgħam ta' l-annimali, adottat fis-26 ta' Settembru 1997, aġġornat fit-22 ta' Ottubru 1999.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Marzu 2000.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Numru	Addittiv	Formula Kimika, deskrizzjoni	Speċje jew kategorija ta' annimal	Żmien massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Proviżjonijiet oħra	Perjodu ta'awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta'attivita/kg ta' tgħam komplut			
4.	Endo-1,3(4)-beta-glukanaz KE 3.2.1.6	Preparazzjoni ta' *Aspergillus aculeatus* (CBS 589.94) prodott min endo-1,3 (4)-beta-glukanaz li għandhom attivita minima ta': Forma miksija: 50 FBG [1]/g Forma likwida 120 FBG/ml	Tiġieġ għall-ikel	—	Endo-1,3(4)-beta-glukanaz 10 FBG	Endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 100 FBG	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta'additivi u taħlit min qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja, u stabilita għall pelettaġġ 2. Doża rrikmandata/kg ta' tgħam komplut endo-1,3(4)-beta glukanaz: 20 FBG. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides* mingħajr lamtu (prinċipalment beta-glukans) e.z. fih iktar minn 30 %qamħirrun.	30.11.2000.
7.	Endo-1,4-beta-xilanaz KE 3.2.1.8 Endo-1,4-beta-glukanaz KE 3.2.1.4	Preparazzjoni ta' endo- 1,4 beta xylanase u endo-1,4 beta glucanase prodott minn Aspergillus niger (CBS 600.94) li għandu attivita minima ta' Forma miksija 36 000 FXU [2]/g 15 000 BGU [3]/g Forma likwida 36 000 FXU/g 15 000 BGU/g	Tiġieġ għall-ikel	—	Endo-1,4-beta-xilanaz: 3 600 FXU Endo-1,4-beta-glukanaz: 1 500 BGU	Endo-1,4-beta-xilanaz: 12 000 FXU Endo-1,4-beta-glukanaz: 5 000 BGU	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja, u l-istabbilita għall pellettaġġ 2. Doża Irrakkomandata/kg ta' tgħam komplut endo-1,4-beta-xilanaz: 3 600–6 000 FXU, endo-1,4-beta-glukanaz: 1 500–2 500 BGU. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans u beta-glukans) ez: li jkollhom iktar min 35 % xgħir u 20 % qamħ	30.11.2000.

Numru	Addittiv	Formula Kimika, deskrizzjoni	Speċje jew kategorija ta' annimal	Żmien massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Proviżjonijiet oħra	Perjodu ta'awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta'attivita/kg ta' tgħam komplut			
			ħniezer	Erba' xhur	Endo-1,4-beta-xilanaz: 6 000 FXU Endo-1,4-beta-glukanaz: 2 500 BGU	—	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' addtitivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħżin,ħajja, u l-istabbilita għall-pellettaġġ 2. Doża irrakkomandata/kilogramma ta' tgħam komplut: endo-1,4-beta-xilanaz: 6 000 FXU endo-1,4-beta-glukanáz: 2 500 BGU 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mingħajr lamtu (prinċipalment arabinoxylans u beta-glukanaz) ez: fih iktar minn 30 % qamħ u 30 % xgħir	30.11.2000.
			Dundjani għall-ikel	—	Endo-1,4-beta-xilanaz: 6 000 FXU Endo-1,4-beta-glukanaz: 2 500 BGU	Endo-1,4-beta-xilanaz: 12 000 FXU Endo-1,4-beta-glukanaz: 5 000 BGU	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' addittivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ. 2. Doża irrakkomandata/kilogrammi ta' tgħam komplut: endo-1,4-beta-xilanaz: 6 000–12 000 FXU, endo-1,4-beta-glukanaz: 2 500–5 000 BGU. 3. Għall użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides* mhux tal-lamtu (prinċipalment arabinoxylans u beta-glukanaz) ez. Li jkolhom iktar minn 40 % qamħ.	30.11.2000.

Numru	Additttiv	Formula Kimika, deskrizzjoni	Speċje jew kategorija ta' annimal	Żmien massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Proviżjonijiet oħra	Perjodu ta'awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta'attivita/kg ta' tgħam komplut			
			Tiġieġ li jbidu	—	Endo-1,4-beta-xilanaz: 12 000 FXU Endo-1,4-beta-glukanaz: 5 000 BGU	— —	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħżin, ħajja u l-istabbilita tal-pellet-taġġ. 2. Doża irrakkomandata/kilogrammi ta' tgħam komplut: endo-1,4-beta-xilanaz: 12 000 FXU, endo-1,4-beta-glukanaz: 5 000 BGU. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polsaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans u beta-glukanaz) li jkollhom iktar minn 20 % qamħ 10 % xgħir u 20 % girasol.	30.11.2000.
8.	Endo-1,4-beta-glukanaz KE 3.2.1.4 Endo-1,4-beta-xilanaz KE 3.2.1.8	Preparazzjoni għall Endo-1.4, beta glukanaz u Endo – 1.4 beta-xylanaz prodott Aspergillus niger (CBS 600.94) li għandu attivita minima ta': Forma miksija: 10 000 BGU [3]/g 4 000 FXU [2]/g Forma likwida 20 000 BGU/g 8 000 FXU/g	Tiġieġ għall-ikel	—	Endo-1,4-beta-glukanaz: 3 000 BGU Endo-1,4-beta-xilanaz: 1 200 FXU	Endo-1,4-beta-glukanaz: 10 000 BGU Endo-1,4-beta-xilanaz: 4 000 FXU	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħżin, ħajja u l-istabbilita tal-pellet-taġġ. 2. Doża irrakkomandata kilogrammi ta' tgħam komplut: endo-1,4-beta-glukanaz: 3 000–10 000 BGU, endo-1,4-beta-xilanaz: 1 200–4 000 FXU. 3. Għall użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans) eg. Li jkollu iktar minn 60 % xgħir	30.11.2000.

Numru	Additttiv	Formula Kimika, deskrizzjoni	Speċje jew kategorija ta' annimal	Żmien massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Proviżjonijiet oħra	Perjodu ta'awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta'attivita/kg ta' tgħam komplut			
			ħniezer	Erba' xhur	Endo-1,4-beta-glukanaz: 3 000 BGU Endo-1,4-beta-xilanaz: 1 200 FXU	Endo-1,4-beta-glukanaz: 5 000 BGU Endo-1,4-beta-xilanaz: 2 000 FXU	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħżin, ħajja u l-istabbilita tal-pellet-taġġ. 2. Doża irrakkomandata/kilogrammi ta' tgħam komplut: endo-1,4-beta-glukanaz: 3 000–5 000 BGU, endo-1,4-beta-xilanaz: 1 200–2 000 FXU. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans) li jkollhom iktar minn 30 % xgħir.	30.11.2000.
			Tiġieġ li jbidu	—	Endo-1,4-beta-glukanaz: 5 000 BGU Endo-1,4-beta-xilanaz: 2 000 FXU	—	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħżin, ħajja u l-istabbilita tal-pellet-taġġ. 2. Doża irrakkomandata ta' tgħam komplut endo-1,4-béea-glukanaz: 5 000 BGU, endo-1,4-beta-xilanaz: 2 000 FXU. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans) li jkollhom iktar minn 30 % xgħir.	30.11.2000.

Numru	Addittiv	Formula Kimika, deskrizzjoni	Speċje jew kategorija ta' annimal	Żmien massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Proviżjonijiet oħra	Perjodu ta'awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta'attivita/kg ta' tgħam komplut			
9.	Endo-1,4-beta-xilanaz KE 3.2.1.8	Preparazzjoni għall Endo-1.4, beta glukanaz u Endo – 1.4 beta-xylanaz prodott Aspergillus niger (CBS 600.94) li għandu attivita minima ta': Forma solida: endo-1,4-beta-xilanaz: 28 000 EXU (4)/g Forma likwida: endo-1,4-beta-xilanaz: 14 000 EXU/ml	Tiġieġ li jbidu	—	Endo-1,4-beta-xilanaz: 2 400 EXU	—	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħżin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ 2. Doża irrakkomandata/kilogrammi ta' tgħam komplut: endo-1,4-beta-xilanaz: 2 400–7 400 EXU. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabinoxylans) li jkollhom iktar minn 30 % qamħ u 30 % zerriegħa.	30.11.2000.
			Dundjani għall-ikel	—	Endo-1,4-beta-xilanaz: 2 400 EXU	—	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħżin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ 2. Doża irrakkomandata/kilogrammi ta' tgħam komplut: endo-1,4-beta-xilanaz: 2 400–5 600 EXU. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabinoxylans) li jkollhom iktar minn 30 % qamħ u 30 % zerriegħa.	30.11.2000.

Numru	Additttiv	Formula Kimika, deskrizzjoni	Speċje jew kategorija ta' annimal	Żmien massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Proviżjonijiet oħra	Perjodu ta'awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta'attivita/kg ta' tgħam komplut			
13.	Endo-1,3(4)-beta-glukanaz KE 3.2.1.6 Endo-1,4-beta-xilanaz EC 3.2.1.8	Preparazzjoni għall Endo-1.4, beta glukanaz u Endo – 1.4 beta-xylanaz prodott Aspergillus niger (CBS 600.94) li għandu attivita minima ta': Forma fi trab: endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 8 000 BGU (5)/g endo-1,4-beta-xilanaz: 11 000 EXU (4)/g Forma fi kristalli endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 6 000 BGU/g endo-1,4-beta-xilanaz: 8 250 EXU/g Forma likwida endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 2 000 BGU/ml endo-1,4-beta-xilanaz: 2 750 EXU/ml	Tiġieġ li jbidu	—	Endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 600 BGU Endo-1,4-beta-xilanaz: 800 FXU	— —	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ 2. Doża irrakkomandata/kilogrammi ta' tgħam komplut: endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 600 BGU, endo-1,4-beta-xilanaz 800 EXU. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans) li jkollhom iktar minn 40 % qamħ u 30 % xgħir	30.11.2000.
			Dundjani għall-ikel	—	Endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 600 BGU Endo-1,4-beta-xilanaz: 800 EXU	— —	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ 2. Doża irrakkomandata f'kilogrammi ta' tgħam komplut endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 600 BGU, endo-1,4-beta-xilanaz: 800 EXU. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans) li jkollhom iktar minn 40 % qamħ u iktar min 30 % zerriegħa.	30.11.2000.

Numru	Additttiv	Formula Kimika, deskrizzjoni	Speċje jew kategorija ta' annimal	Żmien massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Proviżjonijiet oħra	Perjodu ta'awtorizzazzjoni
					Unitajiet ta'attivita/kg ta' tgħam komplut			
48.	Alpha-amylase KE 3.2.1.1 Endo-1,3(4)-beta-glukanaz KE 3.2.1.6	Preparazzjoni ta' Alpha-amylase u Endo 1,3(4) beta-glukanaz prodott mill-Bacillus amyloliquefaciens (DSM 9553) li għandha attivita minima ta': Forma miksija Alpha-amylase: 200 KNU (6)/g endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 350 FBG (1)/g Forma likwida Alpha-amylase: 130 KNU/ml endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 225 FBG/ml	Tiġieġ għall-ikel	—	Alpha-amylase: 10 KNU Endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 17 FBG	Alpha-amylase: 40 KNU Endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 70 FBG	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ 2. Doża irrakkomandata/kilogrammi ta' tgħam komplut Alpha-amylase: 20 KNU, endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 35 FBG. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans) li jkollhom iktar minn 40 % qamħ u iktar min 40 % xgħir.	30.11.2000.
			Dundjani għall-ikel	—	Alpha-amylase: 40 KNU Endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 70 FBG	Alpha-amylase: 80 KNU Endo-1,3(4)-beta-glukanaz: 140 FBG	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ 2. doża irrakkomandata/kilogrammi ta' tgħam komplut: alfa-amiláz: 40 KNU, endo-1,3(4)-beta-glukanáz: 70 FBG. 3. Għall-użu f'tgħam kompost sinjur f'*polysaccharides*mhux bil-lamtu (prinċipalment arabino-xylans) li jkollhom iktar minn 40 % xgħir.	30.11.2000.

(1) FBG wieħed huwa l-ammont ta' enżimi li jeħilsu micromole wieħed u jnaqqsu z-zokkor (ekwivalenti glucose) min xgħir beta glucan fil-minuta f'ph 5,0 u 30°C
(2) FXU wieħed huwa l-ammont ta' enżimi li jeħilsu 0.15 micromole ta' xylose minn azurine magħqudin kull minuta f'pH 5,0 u 40°C
(3) BGU wieħed huwa l-ammont ta' enżimi li jeħilsu 0,15 micromole ta' glucose minn azurine magħqudin beta-glukan kull minuta f'pH 5,0 u 40°C
(4) EXU wieħed huwa l-ammont ta' enżimi li jeħilsu micromole wieħed ta' zokkor mnaqqas (ekwivalenti xylose) minn qamħ arabinoxylan kull minuta f'pH 3,5 u 55°C
(5) BGU wieħed huwa l-ammont ta' enżimi li jeħilsu 0.278 micromoles ta' zokkor mnaqqas (ekwivalenti glucose) minn xgħir beta glukan kull minuta f'pH 3,5 u 40 °C
(6) KNU wieħed huwa l-ammont ta' enżimi li jeħilsu 672 micromoles ta' zokkor mnaqqas (ekwivalenti glucose) minn lamtu li jinħall kull minuta f'pH 5,6 u 37°C.

ANNESS II

Numru	Additivi	Deskrizzjoni ta' Formula tipika	Speci ta' kategoriji ta' annimali	Eta' massima	CFU/kg ta' tgħam komplut		Provizjonijiet oħra	Perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Kontenut minimu	Kontenut massimu		
11.	*Enterococcus faecium* DSM 5464	Preparazzjoni ta' *Enterococcus faecium* li fih minimu ta' $5x10^{10}$ CFU/g additivi	Tiġieġ għall-ikel	—	$0,5×10^9$	$1×10^9$	1. Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ 2. Jistgħu jintuzaw f'kompost ta' tgħam li fih il-coccidiotati permessi: amprolium, diclazuril, halofuginone, monesin-sodju, metilclorpindol, methybenzoquate, nicarbazin.	30.11.2000.
			Għoġġiela	Erba' xhur	$0,5×10^{10}$	$1×10^9$	Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħżin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ.	30.11.2000.
17.	*Lactobacillus casei* NCIMB 30096 *Enterococcus faecium* NCIMB 30098	Taħlita ta' *lactobacillus casei*u *enterococcus faecium*li fih il-minimu ta' *Lactobacillus casei* $20×10^9$ CFU/g és: *Enterococcus faecium* $6×10^9$ CFU/g addittivi	ħniezer	Sitt xhur	*Lactobacillus casei* $0,5×10^9$ *Enterococcus faecium* $1,5×10^9$	*Lactobacillus casei* $1×10^9$ *Enterococcus faecium* $3×10^9$	Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ.	30.11.2000.
18.	*Enterococcus faecium* CECT 4515	*Preparazzjoni ta' Enterococcus faecium* li jkun fih minimu ta' $1×10^{10}$ CFU/g additivi	Għoġġiela	Erba' xhur	$1×10^9$	$1×10^9$	Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ.	30.11.2000.
			Għoġġiela	Sitt xhur	$1×10^9$	$1×10^9$	Fl-indikazzjoni ta' l-użu ta' additivi u taħlit minn qabel, indika t-temperatura tal-ħzin, ħajja u l-istabbilita tal-pellettaġġ.	30.11.2000.